31994D0307

L 133/54 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.5.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-16 ta' Mejju 1994
li temenda d-Deċiżjoni 91/637/KEE li tistabbilixxi l-mudell tal-messaġġ li għandu jkun trasmess permezz tan-network kompjuterizzat "*Animo*"

(94/307/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispezzjonijiet veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarji ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija s-suq intern [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b'mod partikolari Artikolu 20 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE [3], kif emendata bid-Deċiżjoni 92/438/KEE [4], u b'mod partikolari Artikolu 6(3) tagħha,

Billi l-informazzjoni meħtieġa biex jitħarsu l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-annimali preskritti fid-Direttiva 91/628/KEE teħtieġ li tkun inkluża fin-*network* kompjuterizzat *Animo*;

Billi l-messaġġ li għandu jkun trasmess permezz tan-*network Animo* għandu jkun supplimentat għal dan il-għan u s-*software* użat għandu jiġi hekk adattat;

Billi l-adattament tas-*software* tal-applikazzjoni għandu jagħti kont tal-kondizzjonijiet fl-Istati Membri sabiex jiżguraw li jitħarsu il-ħtiġijiet tagħhom ta' operazzjoni;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/637/KEE [5] hija emendata kif ġej:

1. Artikolu 2 huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha taġġorna s-*software* ta' l-applikazzjoni bil-għan li tinkludi l-informazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-annimali u x-xejriet fil-fajls varji tal-kompjuter meħtieġa għall-applikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-*software* aġġornat disponibbli lill-Istati Membri mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 1995."

2. L-Anness huwa mibdul mill-Anness hawn mehmuż.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
(2) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
(3) ĠU L 340, tal-11.12.1991, p. 17.
(4) ĠU L 243, tal-25.8.1992, p. 27.
(5) ĠU L 343, tat-13.12.1991, p. 46.

ANNESS

Numru tal-messaġġ:

1. **ORIĠINI**

— Data tat-trasmissjoni:

— Data mistennija tat-tluq:

— Ħin mistenni tat-tluq:

— Isem tal-kunsinnatur:

— Post tat-tluq (Kodiċi tal-pajjiż, kodiċi ta' l-unità isem tal-lokalità kodiċi postali):

— Ċertifikat tas-saħħa:

— numru

— data

— Isem tal-veterinarju li qed jiffirma ċ-ċertifikat:

2. **DESTINAZZJONI**

— Kodiċ tal-pajjiż — kodiċi ta' unità:

— L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju:

— Post tad-destinazzjoni (kodiċi tal-pajjiż — kodiċi ta' unità, isem tal-lokalità, kodiċi postali)

3. **MERKANZIJA**

— Tip — kodiċi

— Numru/kwantità

4. **MEZZI TA' TRASPORT**

— Tip ta'trasport

— Identifikazzjoni tal-mezżi tat-trasport (reġistrazzjoni tat-trakk, numru tal-vagun, numru tat-titjira, isem tal-bastiment, numru tal-kontenitur, eċċ.)

5. **OSSERVAZZJONIJIET**

— Għall-postijiet ta' l-ispezzjoni mal-fruntiera: oriġini ta' l-annimali u prodotti

— Għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz: l-isem tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni

— Meta l-annimali ikunu għadhom ma telqux mill-post ta' l-oriġini tagħhom:

— "tissostitwixxi l-messaġġ numru…"/"tħassar il-messaġġ numru…"